MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru. 263/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**ROSE GRECH**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Rose Grech mart M'Angelo u bint Nicholas u Maria nee Scicluna imwielda fit-8 ta' Lulju 1967 u residenti "Ta' Koli, Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 16867 G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'diversi dati, bejn is-16 ta' Marzu 2004 u l-24 ta' April 2004 f'Ghawdex b'diversi atti maghmula minnha, ghalkemm fi zminijiet differenti, u liema atti jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda; meta hekk marbuta

b'kuntratt ta' separazzjoni li gie approvat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja b'digriet taghha tal-10 ta' Awissu 2001 biex taghti access lill-uliedha minuri Judith, Nicola, Michaela, u Koli that il-kustodja taghha lil zewgha M'Angelo Cordina, irrifjutat li taghmel hekk minghajr raguni xierqa (Art 18 u Art 338 (11) tal-Kap 9).

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil Peter Paul Portelli (Social Worker), Michael Angelo Cordina, PS 261, PS 1040, PC 610, PS 1346, l-imputata Rose Grech tixhed min jeddha, Pawlina Portelli u Judith Nicola Cordina.;

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 338 (11) tal-Kap 9;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-Qorti ma hix tal-fehma li l-imputata gabet raguni xierqa  ghaliex ma tatx access lill-zewgha ghall-uliedha minuri u konsegwentement issibha hatja u tikkundannaha ghall-hlas ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) ammenda.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------